Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GEORGE ABELA
President

6 ta' Ġunju, 2011

## ATT Nru. VIII tal-2011

*ATT biex jemenda l-Att dwar ix-Xandir biex iwessa' l-pluraliżmu fix-xandir u biex jippermetti l-liċenzjar ta' operatur tan-network tal-oġġettivi ta' interess ġenerali u detenturi tal-liċenzja b'kontenut ta' xandir ta' interess ġenerali.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati imlaqqa' f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.
Kap. 350.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar ix-Xandir, u dan għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ix-Xandir, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

**2.** Artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minnufih wara l-kliem "mill-Awtorità" għandhom jiżdiedu l-kliem "u lanqas jista' jirritrasmetti servizzi ta' xandir ta' smigħ jew ta' televiżjoni minn Malta għal xi stat barrani mingħajr ma jkollu liċenza bil-miktub tal-Awtorità.".

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(4) Il-liċenzi jistgħu jkunu ta' klassijiet jew deskrizzjonijiet partikulari u għandhom b'mod partikulari jinkludu liċenzi għal:

(a) servizzi tat-televiżjoni fuq firxa nazzjonali;

(b) servizzi tar-radju fuq firxa nazzjonali;

(ċ) servizzi tar-radju fil-komunità;

(d) servizzi tar-radju bis-satellita;

(e) servizzi tat-televiżjoni bis-satellita;

(f) servizzi oħra li jistgħu jixxandru jew jiġu provduti minn jew permezz ta' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi skond kif tista' tistabbilixxi l-Awtorità.";

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:-

"(4A) Safejn dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi tat-televiżjoni fuq firxa nazzjonali, l-Awtorita' tista' toħroġ dawn il-kategoriji ta' liċenzi tat-televiżjoni kif ġej:

(a) liċenza ta' xandir għal kontenut ta' interess ġenerali lil xi xandar ħlief għal kumpannija msemmija fis-subartikolu (4Ċ);

(b) liċenza ta' xandir għal kontenut kummerċjali maħruġa lil xi xandar.

(4B) L-Awtorità tista' tagħmel regolamenti biex tagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (4A) u tista', mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità

ta' dak imsemmi hawn qabel, tagħmel regolamenti dwar il-proċess tal-applikazzjoni għas-servizzi kollha u applikazzjonijiet għal liċenzi, inkluż li tiġi stabbilità l-applikazzjoni li tgħodd u ħlasijiet tal-liċenza għaliha u li tistabilixxi kriterji ta' evalwazzjoni għaldaqstant.";

(4Ċ) Stazzjonijiet li jkunu proprjetà jew kontrollati mill-kumpannija tal-Gvern imsemmija fis-subartikolu (4D) jew li dwarhom dik il-kumpannija tkun responsabbli tkun responsabbli editorjalment għandu jkollhom liċenza mill-Ministru. Sabiex Awtorità tkun tista' taqdi d-dmirijiet regolatorji tagħha skond il-liġi, il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr, wara d-data tal-ħruġ ta' kull liċenza lill-kumpannija tal-Gvern hawn qabel imsemmija, jinnotifika bil-miktub lill-Awtorità b'kopja ta' dik il-liċenza. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Att u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu għandhom jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenza.

(4D) Il-Gvern jista', permezz ta' kumpannija msemmija mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta, bħala kumpannija li tkun qed tipprovdi servizzi ta' xandir pubbliku, ikollu bi proprjetà, jikkontrolla jew ikun editorjalment responsabbli għal servizzi tat-televiżjoni u tar-radju mal-pajjiż kollu msemmija fis-subartikolu (4Ċ):

Iżda l-Gvern ma jistax ikollu bi proprjetà ta' servizzi ta' xandir jew jipparteċipa fil-proprjetà, kontroll jew ikun editorjalment responsabbli għal xi servizzi bħal dawk ħlief jekk mhux permezz ta' dik il-kumpannija, u li ebda kumpannija oħra li fiha l-Gvern ikollu l-kontroll ma tista' jkollha ishma parteċipattivi ta' voti f'kumpannija li tipprovdi servizz ta' xandir.

(4E) Il-frażijiet li ġejjin huma mfissra kif ġej:-

"servizz b'oġġettiv ta' interess ġenerali" tfisser servizz ta' xandir ta' televiżjoni li jieħu l-obbligu li jxandar ammont speċifikat ta' programmi li jkunu ta' interess ġenerali u li jitqiesu mill-Politika għax-Xandir Nazzjonali bħala fis-seħħ minn żmien għal

żmien biex tifforma parti mill-kompetenza għas-servizz ta' xandir tas-servizz pubbliku. Servizz b'oġġettiv ta' interess ġenerali jista' jkun kemm servizz ġeneralist kemm servizz niche;

"servizz niche" tfisser servizz ta' xandir tat-televiżjoni li l-biċċa l-kbira minnu jkun jittrasmetti programmi ta' għadd limitat ta' *genres* ta' xorta speċjalizzata;

"servizz ġeneralist" tfisser servizz ta' xandir tat-televiżjoni li jxandar firxa wiesgħa ta' ġeneru ta' programmi; u

"servizz ta' xandir ta' televiżjoni kummerċjali" tfisser servizz ta' xandir tat-televiżjoni li jista' jkun kemm servizz ġeneralist kemm servizz niche u li ma jkunx soġġett għall-obbligazzjonijiet ta' servizz b'oġġettiv ta' interess ġenerali.".

(d) minflok is-subartikolu (5) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(5) Liċenza għal xi servizz tax-xandir tista' tingħata biss lil kumpannija li tkun regolarment inkorporata f'Malta skond l-Att dwar il-Kumpanniji, iżda liċenzi għal servizzi tar-radju tal-komunità jistgħu jiġu mogħtija wkoll lil individwi li jkunu soltu residenti f'Malta.";

Kap. 386.

(e) minflok is-subartikolu (6) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4D) ta' dan l-artikolu, l-istess organizzazzjoni, persuna jew kumpannija tista', fl-istess ħin, tkun proprjetarja, tikkontrolla jew tkun editorjalment responsabbli għal iżjed minn servizz wieħed tar-radju mal-pajjiż kollu u servizz wieħed tat-televiżjoni mal-pajjiż kollu, iżda:-

(a) ikun servizz wieħed biss tar-radju mal-pajjiż kollu li jista' jkollu liċenza fuq il-frekwenza FM għall-istess organizzazzjoni, persuna jew kumpannija;

(b) mhux iżjed minn żewġ servizzi tat-televiżjoni mal-pajjiż kollu ġeneralisti ma jista' jkollhom liċenza għall-istess organizzazzjoni, persuna jew kumpannija;

(ċ) l-istess organizzazzjoni, persuna jew kumpannija ma tistax tkun proprjetarja, tikkontrolla jew tkun editorjalment responsabbli għal iżjed minn servizz wieħed tar-radju jew tat-televiżjoni mal-pajjiż kollu li l-biċċa l-kbira jkun jittrasmetti aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti."; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:-

"(6A) L-istess organizzazzjoni, persuna jew kumpannija ma tistax tkun proprjetarja, tikkontrolla jew tkun editorjalment responsabbli għal iżjed minn servizz wieħed tar-radju tal-komunità u kull organizzazzjoni li tkun proprjetarja, tikkontrolla jew tkun editorjalment responsabbli għal servizz tar-radju mal-pajjiż kollu jew għal kull servizz ieħor kif imsemmi fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (4) ma tistax tkun proprjetarja, tikkontrolla jew tkun editorjalment responsabbli għal servizz tar-radju tal-komunità.

(6B) Meta operatur ta' *network* ta' kommunikazzjonijiet elettroniċi ma jxandar ebda kontenut ta' programm fuq xi stazzjon partikolari għal perjodu ta' żmien hekk kif l-Awtorità tistabbilixxi, għaldaqstant, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-ebda ammont ta' ħin ta' trasmissjoni ma jista' jintuża biex jixxandru spots ta' telebejgħ, spots ta' reklami u forom oħra ta' reklami fuq dak l-istazzjon. Għandu jkun id-dmir tal-imsemmi operatur tan-*network* li jipprovdi lill-Awtorità bl-iskedi ta' programmi f'dawk il-perjodi ta' żmien raġonevoli li l-Awtorità tista' tistabblixxi, biex tkun tista' tesegwixxi minn qabel is-setgħat tagħha taħt dan is-subartikolu.

(6Ċ) F'ebda każ, sew jekk fuq stazzjon tal-komunità kemm fuq servizz tar-radju jew servizz tat-televiżjoni mal-pajjiż kollu, m'għandu jitħalla ixandar kontenut ta' logħob interattiv jew kontenut ta' logħob tal-ażżard interattiv u dan skont kriterji stabbiliti mill-Awtorità tax-Xandir minn żmien għal żmien.

(6D) Kunsilli Lokali mwaqqfa taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, ma jistgħux, skond l-artikolu 77 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, ikollhom bi proprjetà, jikkontrollaw jew ikunu editorjalment responsabbli għal xi servizz ta' xandir, inkluż servizz tar-radju tal-komunità.

Kap. 363.

(6E) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-trasmissjoni simultanja ta' l-istess servizz ta' xandir fuq mezzi differenti għandha tiġi kkunsidrata bħala servizz tax-xandir wieħed.".

Emenda ta' l-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**3.** Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) li servizzi ta' xandir privati għandhom jitħallew joperaw b'dak il-mod li jiġi żgurat li jkun hemm firxa wiesgħa ta' programmar li tappella għall-interessi ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi u interessi varji. Il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jipprepara u jippubblika l-politika tax-xandir tal-Gvern u jaġġornaha;" u

(b) minflok il-paragrafu (e) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:-

"(e) illi fl-għoti ta' liċenzi lill-persuni differenti, hija għandha tikkonsidra wkoll il-possibiltà ta' xandir bis-satellita, bil-fili, televiżjoni diġitali terrestriju, radju diġitali jew ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jistgħu jkunu possibbli minn żmien għal żmien.".

**4.** Artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem minn "Ikun id-dmir tal-Awtorità li tissodisfa lilha innifisha illi," sal-kliem "dawn il-ħtiġiet li ġejjin, jiġifieri –" għandhom jidħlu l-kliem "F'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi ta' xandir ta' interess ġenerali u fejn l-Awtorita' tħalli programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti jiġu mxandra minn dawn is-servizzi, ikun id-dmir tal-Awtorità li tissodisfa lilha nnifisha, kemm jista' jkun, li l-programmi imxandra minn kull servizz ta' xandir ta' interess ġenerali ikun konformi ma' kollha jew xi wħud mill-ħtiġiet li ġejjin kif l-Awtorità tista' timponi fil-liċenza tax-xandir, jiġifieri –"; u

(b) minnufih wara l-proviso li jinsab ma' dan is-subartikolu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"Iżda wkoll l-Awtorità tista', meta tagħti l-liċenza għal xandir lil stazzjon kummerċjali, timponi xi wieħed mill-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (f) ta' dan is-subartikolu fl-imsemmija liċenza.".

**5.** L-artikolu 16 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda ta' l-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

(a) minflok il-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw għal liċenza ta' kontenut ta' interess ġenerali u m'għandux ikun permess lill-Awtorità li tawtorizza xi miżuri imsemmija fil-paragrafi (i) sa (vi) ta' dan is-subartikolu."; u

(b) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "(magħdudin provvedimenti għall-finijiet stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att)" għandhom jitħassru; u

(ii) minnufih wara l-kliem "mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att." għandhom jiżdiedu l-kliem "L-Ewwel

Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tapplika għal dik il-liċenza u kuntratt kif imsemmi hawn qabel.".

Tħassir ta' l-artikolu 16A tal-Att prinċipali.

**6.** Artikolu 16A tal-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 16M tal-Att prinċipali.

**7.** Is-subartikolu (4) tal-artikolu 16M tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "il-provditur ta' servizzi tal-mezzi." għandhom jidħlu l-kliem "il-provditur ta' servizzi tal-mezzi; jew"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) xorb alkoħoliku li jkun fih aktar minn 1.2% ta' alkoħol li jixxandru bejn is-6.00a.m. u d-9.00p.m.; prodotti tal-logħob tal-azzard li jixxandru bejn is-6.00a.m. u s-7.00p.m.; infant formula; u armi u munizzjon." .

Emenda ta' l-artikolu 17 tal-Att prinċipali.

**8.** Fl-artikolu 17 tal-Att prinċipali, minflok it-tifsira "Ministru", għandu jidħol dan li ġej:

" "il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet; u ".

Emenda ta' l-artikolu 18 tal-Att prinċipali.

**9.** Minnufih wara s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 18 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:-

"(6) Minkejja id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (5) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għal servizzi tat-televiżjoni mal-pajjiż kollu:-

(a) fil-każ ta' applikant għal servizz tat-televiżjoni kummerċjali mal-pajjiż kollu, huwa għandu jinforma lill-Awtorità fuq liema *network* ta' komunikazzjonijiet elettronika ikun ser jinġarr is-servizz tiegħu. Meta jagħmel dan, l-imsemmi applikant għandu jinforma lill-Awtorità dwar bid-dettalji tal-operatur tan-*network* u l-frekwenza speċifika li tkun ser tiġi allokata biex is-servizz imsemmi jiġi trasmess;

(b) fil-każ tax-xandar tas-servizz pubbliku u ta' servizzi b'oġġettiv ta' interess ġenerali, kapaċità ta' trasmissjoni għandha, bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet, kif jista' jkun japplika għall-użu ta' dik il-kapaċità ta' trasmissjoni, jkun allokat mill-Awtorità fuq is- servizzi b'oġġettiv ta' interess ġenerali msemmi fl-artikolu 40(1) ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 21 tal-Att prinċipali.

**10.** Minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 21 tal-Att prinċipali għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) Għal għanijiet ta' dan l-artikolu, l-espressjoni "trasmissjoni bit-teletext" għandha tinkludi gwidi ta' programmi elettroniċi u *radio data systems*.".

Emenda għal artikolu 23 tal-Att prinċipali.

**11.** Fl-ewwel proviso għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 23 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "il-klassijiet kollha ta' servizzi tar-radju" għandhom jidħlu l-kliem "il-klassijiet kollha ta' servizzi tar-radju u s-servizzi ta' kontenut ta' xandir ta' televiżjoni kummerċjali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 35 tal-Att prinċipali.

**12.** Minflok l-artikolu 35 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Setgħa li jsiru regolamenti.

35. (1) Il-Prim Ministru, flimkien mal-Awtorità, jista' jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Dawn ir-regolamenti jistgħu jħassru d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att:

Iżda sakemm isiru dawk ir-regolamenti skond is-subartikolu (1), ir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tibqa' tapplika.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

**13.** Minflok l-artikolu 40 tal-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-operatur tan-network tal-oġġettivi ta' interess ġenerali u detenturi tal-liċenza b'kontenut ta' xandir ta' interess ġenerali.

40. (1) L-Awtorità għandha taħtar u tagħti liċenza lil operatur tan-*network* (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-operatur tan-*network*") biex imexxi in-*network* tal-oġġettivi ta' interess ġenerali li jkun ingħata liċenza mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni skond l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

(2) L-Awtorità għandha tiddeċiedi, wara sejħa għall-applikazzjonijiet, liema detenturi tal-liċenza ta' servizzi oġġettivi b'kontenut ġenerali approvat minnha għandhom jinġarru mill-operatur tan-*network*. L-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet li tinħareġ mill-Awtorità għandha tkun miftuħa għal dawk is-servizzi tax-xandir eżistenti fl-1 ta' Diċembru 2010 bħala xandara free-to-air analogue. Wara li toħroġ l-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet, l-Awtorità tista' toħroġ it-tieni sejħa jew oħrajn sussegwenti biex talloka l-kanali fuq in-*network* tal-oġġettivi ta' interess ġenerali:

Iżda kull servizz tat-televizjoni tas-servizz pubbliku li kien qiegħed ixandar fl-1 ta' Diċembru 2010, għandu awtomatikament jitqies li jkun jikkwalifika għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni bħala servizz ta' xandir ta' interess ġenerali mingħajr il-ħtieġa li japplika kif imsemmi hawn qabel.

(3) Meta jsiru regolamenti biex jiġu stabbiliti l-kriterji tal-mod kif l-applikazzjoni tiġi evalwata għal servizz ta' xandir ta' interess ġenerali mal-pajjiż kollu, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Awtorità, għandu jikkunsidra dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) kriterja ġenerali dwar programmar ta' kwalita' mifruxa fuq medda ta' gosti u interessi tal-pubbliku;

(b) programmar b'kontenut edukattiv u kulturali;

(ċ) programmar ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti;

(d) servizz ta' informazzjoni komprensiv u preċiz fl-interess ta' soċjetà demokratika u pluralista.

(4) L-Awtorità għandha tistabbilixxi is-sekwenza ta' kif jidhru l-kanali fuq in-*network* tal-oġġettivi tal-interess ġenerali minn fost id-detenturi tal-kontenut tax-xandir b'interess ġenerali u l-operatur

tan-*network* għandu jikkonforma ruħu ma' dik id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tal-Awtorità tkun finali.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, detenturi tal-liċenzi tal-oġġettivi ta' interess ġenerali fuq in-*network* tal-oġġettivi tal-interess ġenerali għandhom joffru l-kontenut tax-xandir tagħhom bla ħlas lil dawk in-*networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi hekk kif l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tordna jew tapprova.

(6) L-Awtorità tista' tagħmel regolamenti biex timplimenta aħjar id-dispożizzjonjiet ta' dan l-artikolu u tista', mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità msemmija hawn qabel, tagħmel regolamenti dwar id-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-operatur tan-*network* u s-servizz b'oġġettiv ta' interess ġenerali, ir-regolament tan-*network* tal-oġġettivi ta' interess ġenerali bil-għan li jiġi żgurat li l-operatur tan-*network* jimxi skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull regolament ieħor li jsir taħtu u, b'mod ġenerali, biex jiġi żgurat li l-operatur tan-*network* jipprovdi servizz li jkun bla interruzzjoni:

Iżda fil-każ ta' tilwima bejn l-operatur tan-*network* u d-detentur tal-liċenza tax-xandir b'oġġettiv ta' interess ġenerali, dak it-tilwim għandu jintbagħat quddiem tribunal tal-arbitraġġ li għandu jkun magħmul minn persuna maħtura mill-Awtorità tax-Xandir li tippresjedi, persuna appuntata mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u persuna oħra maħtura bi qbil bejn l-Awtorità tax-Xandir u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. Dak it-tribunal għandu jiddeċiedi l-ilment kemm jista' jkun malajr u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.".

(7) L-Awtorità għandha tapprova l-kundizzjonijiet u l-ħlasijiet li jiġu mposti fil-kuntratt bejn l-operatur tan-*network* u servizzi b'oġġettivi ta' interess ġenerali.

**14.** L-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Sostituzzjoni tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**“L-EWWEL SKEDA**
**Artikolu 16(3)**

GĦANIJIET LI DWARHOM GĦANDU JIĠI PROVDUT F’LIĊENZI
U
KUNTRATTI GĦALL-PROVDIMENT TA’ SERVIZZI TAX-XANDIR

1. Liċenza għandha tinkludi –

(a) dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità jkun jidhrilha li jkunu xierqa fir-rigward ta’ kull dmir li jkun jew li jista’ jkun impost fuqha, jew fuq id-detentur tal-liċenza, bi jew taħt dan l-Att;

(b) kundizzjonijiet li jawtorizzaw is-sorveljanza u l-infurzar ta’ livelli tekniċi f’konnessjoni mal-provdiment tas-servizz b’liċenza (inkluż l-użu tal-frekwenza allokata);

(ċ) kundizzjonijiet li jitolbu l-ħlas mid-detentur tal-liċenza (kemm jekk ma’ l-għoti tal-liċenza kemm f’dawk iż-żminijiet wara dak l-għoti li jistgħu jiġu stabbiliti mill-liċenza jew bis-saħħa tal-liċenza, jew it-tnejn) ta’ dritt jew drittijiet ta’ ammont jew ammonti hekk stabbiliti;

(d) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenza biex iforni lill-Awtorità, b’dak il-mod u f’dawk iż-żminijiet li l-Awtorità tista’ raġonevolment titlob, b’dak it-tagħrif, (inklużi dokumenti, prospetti, kontijiet u dikjarazzjonijiet) kif hija tkun teħtieġ għall-iskop ta’ eżerċitar tal-funzjonijiet assenjati lilha bi jew taħt dan l-Att;

(e) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenza jekk jinstab mill-Awtorità li jkun qed jikser xi kundizzjoni tal-liċenza tiegħu, biex jirrifondi lill-Awtorità, f’dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu speċifikati f’xi kundizzjonijiet, kull spiża raġonevolment magħmula minnha f’konnessjoni mal-ksur ta’ dik il-kundizzjoni;

(f) kundizzjonijiet li jipprovdu għal dawk il-materji inċidentali jew supplimentari li l-Awtorità hekk jidhrilha li jkunu xierqa; u

(g) kundizzjonijiet li jitolbu mid-detenturi ta' liċenzi, minbarra dawk li jipprovdu servizz tar-radju fil-komunità, li f'kull sena finanzjarja, jagħtu lil-Awtorità kopji tal-kontijitet tagħhom verifikati, tas-sena finanzjarja ta' qabel, dikjarazzjoni relattiva mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena dwar l-attivitajiet/struttura tal-korporazzjoni tad-detenturi tal-liċenzi, kif ukoll rapporti tal-qagħda tal-opinjoni pubblika dwar is-servizzi ta' programmi tagħhom.

2. Liċenza għandha tinkludi wkoll –

(a) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenza –

(i) biex iħares kull direttiva mogħtija mill-Awtorità dwar dawk il-materji li jkunu speċifikati fil-liċenza jew li jkunu ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(ii) (ħlief safejn l-Awtorità taqbel li jagħmilhom jew li ma jagħmilhomx) biex ma jagħmilx jew biex jagħmel dawk il-ħwejjeġ li jkunu speċifikati fil-liċenza jew li jkunu ta' deskrizzjoni hekk speċifikata;

(iii) biex jimxi mas-servizz ta' programmi ("promise of performance") kif approvat mill-Awtorità.

(b) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenza biex jippermetti lil -

(i) kull impjegat tal-Awtorità jew kull persuna awtorizzata mill-Awtorità, jew

(ii) kull uffiċjal jew persuna awtorizzata mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni,

li jidhol f'kull post li jkun użat f'konnessjoni max-xandir tas-servizz b'liċenza u li jispezzjona, jeżamina, jopera jew jittestja xi tagħmir fuq il-post li jintuża f'dik il-konnessjoni; u

(ċ) kundizzjonijiet li jitolbu lid-detentur tal-liċenza –

(i) biex iżomm, għal perjodu ta' 90 jum, recording ta' kull programm inkluż fis-servizz b'liċenza;

(ii) biex, fuq it-talba ta' l-Awtorita' jew ta' qorti tal-ġustizzja jipproduċi lilha kull *recording* bħal dak;

(iii) biex iżomm, għal perjodu ta' sena, traskrizzjoni ta' kull programm ta' aħbarijiet inkluż fis-servizz b'liċenza;

(iv) biex fuq it-talba tal-Awtorità jew ta' qorti tal-ġustizzja jipproduċi lilha kull traskrizzjoni ta' aħbarijiet bħal dik u kull script jew traskrizzjoni oħra ta' programm inkluż fis-servizz b'liċenza li huwa jkun jista' jipproduċi lilha;

(v) biex iżomm kopja għal perjodu ta' tnax-il xahar tax-xandiriet kollha tas-servizz b'liċenza;

(vi) biex fuq it-talba tal-Awtorità jew ta' qorti tal-ġustizzja, jipproduċi lilha dawk il-kopji;

(vii) biex jaddotta sistema biex jipproċessa ilmenti mingħand telespettaturi u semmiegħa.

3. (1) Liċenza għal servizzi bir-radju fil-komunità għandha tinkludi kundizzjonijiet li jimpedixxu lid-detentur tal-liċenza milli –

(a) juża xi frekwenza allokata lil Malta b'xi ftehim internazzjonali;

(b) itellef xi stazzjon tax-xandir nazzjonali li jintlaħaq minn Malta sew jekk dan ikun qed jixxandar minn Malta jew minn barra;

(ċ) itellef xi servizz tar-radju mal-pajjiż kollu;

(d) jkollu aktar qawwa ta' trasmissjoni milli huwa raġonevolment meħtieġ għall-fini ta' trasmissjoni. L-Awtorità għandha, flimkien mal- Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, tistabilixxi dak l-ammont raġonevoli ta' qawwa ta' trasmissjoni u, sabiex tagħmel dan, għandha tieħu in konsiderazzjoni il-varjazzjonijiet li jeżistu f'tali qawwa minn post għall-ieħor minħabba t-topografija tal-lokalità involuta;

(e) jinkludi xi ħaġa fil-programmi li toffendi s-sens ta' gosti tajba jew tad-deċenza jew li tista' tinkoraġġixxi jew tinċita lil xi ħadd biex jikkommetti xi reat jew li tista' twassal għad-disordni jew li tista' toffendi l-morali pubblika; u

(f) jittrasmetti programmi ta' aħbarijiet jew ta' avvenimenti kurrenti ħlief dawk li għandhom x'jaqsmu mal-komunità; u

(g) juża frekwenza allokata għal inqas minn 20 siegħa fil-gimgħa.

(2) Liċenza bħal din ta' servizzi tar-radju tal-komunità għandha tinkludi, fejn japplika:

(a) kundizzjonijiet li jawtorizzaw is-superviżjoni u l-infurzar ta' *standards* tekniċi mill-Awtorità wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mal-provdiment tas-servizz li jkollu liċenza (inkluż l-użu tal-frekwenzi allokati); u

(b) kundizzjonijiet approvati mill-Awtorità wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni dwar tagħmir tax-xandir li jintuża mid-detentur tal-liċenza.

4. Liċenza tax-xandir tista' tinkludi wkoll kundizzjonijiet oħra skond kif l-Awtorità tara li jkunu neċessarji inklużi l-kundizzjonijiet dwar *standards* ta' programmi ta' kwalità u *standards* tekniċi minimi li jiżgura xandir ta' kwalità aċċettabbli.".

**15.** It-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali qiegħda b'dan tiġi mħassra.

Tħassir tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

**16.** Minflok il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, għandu jidħol dan li ġej:-

Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

"(a) jekk it-trasmissjoni mill-ġdid tkun taqbel ma' ħtieġa ta' *must carry* konformi mal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi; u".

Kap. 415.

**17.** L-artikolu 16H tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Emenda tal-artikolu 16H tal-Att prinċipali.

(a) fl-artikolu 16H(3)(b), fit-test Ingliż, minflok il-kliem “if a media service provider has its head office in one Member State” għandhom jidħlu l-kliem “if a media service provider has its head office in Malta”;

(b) Artikolu 16H(3)(c) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“Jekk provditur ta’ servizzi ta’ mezzi jkollu l-uffiċċju tiegħu f’Malta, iżda d-deċiżjonijiet dwar is-servizzi tal-mezzi awdjoviżivi jittieħdu f’pajjiż terz, jew bil-maqlub, huwa għandu jitqies li jkun stabbilit f’Malta, b’dan iżda li parti sinifikanti mill-forza tax-xogħol involuta fil-ġestjoni tal-attività tas-servizz tal-mezzi awdjoviżivi tkun topera f’Malta.”;

(ċ) fl-artikolu 16H(4), minflok il-kliem “l-Istat Membru” għandha tidħol il-kelma “Malta” kull fejn dawn jinsabu; u

(d) fl-artikolu 16H(6), minflok il-kliem “fi Stat Membru wieħed jew aktar” għandha tidħol il-kelma “Malta”.

Emenda tal-artikolu 16P tal-Att prinċipali.

**18.** Minflok il-kliem “Il-konformità ma’ xi awtorizzazzjoni mogħtija” għandhom jidħlu l-kliem “Il-konformità ma’ xi notifikazzjoni mogħtija”.

Emenda tat-Tielet Skeda.

**19.** It-Tielet Skeda tal-Att Dwar ix-Xandir għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Minflok il-paragrafu 4 tagħha għandu jidħol dan li ġej:

“4. Reklamar u telexiri għandhom jingħarfu u jkunu distingwibbli minn kontenut editorjali. *Sponsorship* ta’ aħbarijiet u programmi ta’ ġrajjiet kurrenti huwa projbit.”; u

(b) Minflok il-paragrafu 17 għandu jidħol dan li ġej:

“17. L-ammont ta’ ħin mogħti lil reklamar fuq servizzi tar-radju m’għandux jaqbeż il-25% tul perjodu ta’ siegħa waħda, iżda dik il-parti ta’ dan il-ħin ta’

reklamar tista' tkun aggregata ma' perjodu kontinwu li ma jaqbiżx sagħtejn f'kull perjodu ta' tnax-il siegħa. Għall-finijiet ta' din l-iskeda, perjodu ta' tnax-il siegħa jfisser bejn 6.00 u 17.59 hrs u bejn 18.00 u 5.59 hrs.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 358 tat-2 ta' Ġunju, 2011.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

PAULINE ABELA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*